MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 956/2009

**Emanuela Muscat**

**Vs**

**Ritienne Chircop u b'digriet tal-14 ta' Settembru 2009 issejjah fil-kawza Kevin Chircop**[1]

[1] Fis-seduta tat-3 ta' Frar 2010 id-difensur tal-attrici ddikjara li ghan-nom tal-imsejjah fil-kawza kien qieghed jilqa' n-notifika tal-atti u assocja ruhu fl-eccezzjonijiet li kienet tat martu.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-2 ta' Ottubru 2009 l-attrici ppremettiet u talbet:-

*1. Illi l-esponenti fl-24 t'April 2008 kienet qieghdha bhala pedestrian fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar;*

*2. Illi fl-istess data u lok il-konvenuta Ritienne Chircop filwaqt li kienet qed issuq il-vettura tal-marka Mazda 626 bin-numru ta' registrazzjoni VIV 151, minhabba negligenza, imprudenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku baqghet diehla go l-attrici bir-rizultat li l-istess attrici sfat midruba serjament;*

*3. Illi b'konsegwenza tal-incident stradali fuq imsemmi l-attrici sofriet, qed issofri u se tibqa' ssofri danni, hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*4. Illi ghalhekk l-attrici giet li sofriet danni konsistenti f'damnum emergens u lucrum cessans bhala konsegwenza tal-incident stradali fuq imsemmi, ghal-liema danni tahti unikament u esklussivament il-konvenuta.*

*<u>Raguni tat-Talba</u>*

*1. Illi l-konvenuta interpellata anke permezz ta' ittra ufficjali datata 10 ta' Lulju 2009, debitament notifikata, sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-attrici, baqghet inadempjenti;*

*2. Illi l-esponent taf b'dawn il-fatti personalment.*

Għaldaqstant, l-attrici talbet lill-qorti sabiex:

*1. Tiddikjara li l-incident fuq imsemmi tat-28 t' April 2008 gewwa Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, okkorra unikament u esklussivament tort u htija tal-konvenuta;*

*2. Tiddikjara, ghalhekk, lill-konvenuta bhala responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attrici bhala konsegwenza tal-incident stradali suddett;*

*3. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi d-danni kollha sofferti mill-attrici konsistenti f'dawk id-danni gia attwalment sofferti (damnum emergens) u f'dawk id-danni li tista' ssofri fil-futur fil-forma ta' lucrum cessans bhala konsegwenza tal-incident stradali fuq imsemmi;*

*4. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici dik is-somma hekk likwidata fit-tielet talba, rapprezentanti d-danni sofferti minnha bhala konsegwenza tal-incident stradali fuq imsemmi.*

Il-konvenuta wiegbet:-

*1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante' illi preliminarjament il-gudizzju mhux integru peress illi l-esponenti hija mizzewga u ghalhekk ghandu jigi kjamat in kawza zewgha bhala kompartecipi tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnha u bejnu;*

*2. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-incident awtomobilistiku ta' l-24 ta' April, 2008, ma garax tort ta' l-intimata imma tar-rikorrenti stante' illi l-intimata kienet qed tipparkja fit-Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar u habta u sabta r-rikorrenti waqt li kienet diga' qasmet it-triq u sejra ghan-naha l-ohra, dahret u dahlet fil-karozza fuq in-naha tal-bieba ta' wara ossija hdejn il-pilastru tan-nofs tal-karozza, bejn il-bieba ta' quddiem u l-bieba ta' wara;*

*3. Illi hija kienet qasmet it-triq biex tmur tixtri l-haxix minghand tat-trakk, irealizzat li nesghet il-grilioso mixghul u regghet daret lura biex tmur id-dar halli titfi l-istess grilioso u sabet il-karozza ma' wiccha, tant illi meta gara l-incident hija bdiet tghajjat biex imorru jitfghulha l-grilioso;*

*4. Illi hija ma wzatx iz-zebra crossing biex taqsam mit-triq li kienet circa erbgha metri 'l boghod minn fejn gara l-incident;*

*5. Illi mhux minnu illi ghandha debilita' permanenti u/jew qed issoffri minn xi hsara permanenti stante' illi hija agili u kapaci biex hija timxi b'mod regolari minghajr bsaten u/jew ghajnuna ohra;*

*6. Illi ghalhekk l-esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante' illi l-attrici ma soffritx l-ebda hsara permanenti b'konsegwenza ta' xi azzjoni tal-konvenut u kull hsara li talvolta gara lilha, sar b'tort unikament taghha;*

Il-qorti rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Responsabbilta**.

Il-kaz jitratta dwar incident tat-traffiku li sehh gewwa Triq il-Parrocca kantuniera ma' Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar fit-28 ta' April 2008. Il-konvenuta kienet qeghda ssuq il-vettura numru VIV 151 u kienet qeghda tipprova ssib spazju vojt biex tipparkja. F'hin minnhom rat spazju u rriversjat il-vettura u ntlaqtet l-attrici. Fir-rapport tal-pulizija (fol. 7), il-verzjoni tal-konvenuta hi:

*"Kont ser nirriversja gewwa Triq San Pawl il-Bahar biex nipparkja u hi kienet ser taqsam minghand tal-haxix u lqattha b'wara tal-karozza"*.

L-attrici ssostni li hi kienet fuq il-bankina u l-vettura tal-konvenuta *".... telghet bir-roti ta' genb wiehed tal-karozza fuq il-bankina, dawwritni u tefatni wicci ma' l-art fi Triq il-Parocca"* (fol. 120). Pero' provi ohra jindikaw li l-incident sehh fit-triq. Fir-rapport tal-pulizija l-verzjoni li tat l-attrici hi:-

*"Jien kont qeghda fit-Triq San Pawl fuq in-naha tax-xellug. Rajt vettura gejja u hallejtha tghaddi u malli ghaddiet jien qsamt it-triq u x'hin wasat hdejn il-bankina, giet karozza li rriversjat lura u laqtitni fuq genbi tax-xellug bil-konsegwenza li spiccajt mal-art"* (fol. 77). Hekk ukoll fl-iskizz tal-pulizija il-vettura tal-konvenuta tidher fi Triq San Pawl (fol. 75). M'hemmx prova li wara li sehh l-incident u qabel waslu l-pulizija, il-konvenuta caqalqet il-vettura VIV 151.

Fit-tieni eccezzjoni l-konvenuta qalet li kienet l-attrici li *".... dahlet fuq in-naha tal-bieba ta' wara ossia hdejn il-pilastru tan-nofs tal-karozza, bejn il-bieba ta' quddiem u l-bieba ta' wara"* (fol. 44). Wara li l-qorti rat l-atti tikkonkludi li dan l-incident sehh meta l-konvenuta kienet qeghda tirriversja u laqtet lill-attrici li dak il-hin kienet qeghda taqsam it-triq. F'dan ir-rigward

xehed Anthony Zammit li ra l-incident isehh (fol. 64). Ghal dak li jikkoncerna l-provi li ressqet il-konvenuta, il-qorti tirrileva li:

i. **Victoria Cuschieri**, omm il-konvenuta, m'hijiex xhud kredibbli. Jirrizulta li kienet riekba fil-vettura li kienet qeghda ssuq il-konvenuta. Qalet: *"Nghid jiena kont bilqeghda fuq wara fuq in-naha tas-sewwieq.* ***Qed nigi mistoqsi jekk f'xi hin qabel l-incident jekk Ritienne t-tifla tieghi rriversjatx il-vettura, nghid li le****. Ritienne kienet wieqfa bil-vettura. Kienet qed tipprepara biex tirriversja"* (fol. 191). Qalet ukoll: *"Il-hoss tal-impatt smajtu wara li t-tifla tieghi bdiet tipprepara biex tirriversja. Pero' konna weqfin"*.

ii. **Il-konvenuta** mistoqsija jekk fil-hin tal-incident il-vettura kenitx wieqfa jew tirriversja, wiegbet: *".... nghid illi meta inti tkun qed issuq trid tieqaf l-ewwel biex tirriversja. Ma tistax iddahhal ir-reverse jekk tkun il-karozza miexja"* (fol. 213). Fil-fehma tal-qorti bit-twegiba li tat, il-konvenuta evitat milli twiegeb ghad-domanda. Imbaghad mistoqsija jekk fil-hin tal-incident *".... Il-karozza kinetx diga' on reverse mod, ma nistax niftakar ezatt u dan ghax ghaddew seba' snin"*. Qalet hekk fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2014, cjoe' iktar minn sitt snin wara l-incident. Pero' l-qorti ma tistax temmen li xufier ta' vettura ser jinsa jekk il-vettura tieghu kenitx wieqfa jew ticcaqlaq meta sehh l-incident. F'kull kaz is-surgent Lucian Gatt ikkonferma li l-konvenuta kienet qaltlu li meta sehh l-incident kienet qeghda tirriversja. Verzjoni li tat a *tempo vergine*.

Xufier li jkun ser jirriversja l-vettura ghandu, qabel jibda jwettaq il-manuvra, jaccerta ruhu li madwar il-vettura hu clear. Ghall-qorti hu evidenti li f'dan il-kaz il-konvenuta kienet aljenata. Il-prijorita' taghha kienet li ma titlifx l-ispazju vojt fejn setghet tipparkja. Fuq bazi ta' probabilita' l-ghagla waslitha biex ma tarax lill-konvenuta qeghda taqsam. Wahda mill-eccezzjonijiet tal-konvenuta hi li *"..... ma wzatx iz-zebra crossing biex taqsam it-triq li kienet cirka erbgha metri 'l boghod minn fejn gara l-incident"*. Mill-provi rrizulta li fil-fatt ftit il-metri 'l fuq hemm *pedestrian crossing* (ara ritratt a fol. 161). Bla dubju *pedestrian* ghandu obbligu li meta jkun ser jaqsam triq, jiehu hsieb tieghu nnifsu u ma jkunx ta' periklu ghal haddiehor. Pero' 'l fatt li l-attrici ma qasmitx mill-*pedestrian crossing* ma jfissirx li kienet il-kawza li waslet ghall-incident. Ma jfissirx li ghaliex l-attrici qasmet f'dik il-parti tat-triq wettqet xi att illecitu. Fil-fehma tal-qorti l-incident gara minhabba li l-konvenuta ma ratx dak li kien qieghed jigri madwarha qabel u waqt li kienet qeghda tirriversja. Ma jfissirx li ghaliex ikun hemm *pedestrian crossing* allura xufier ta' vettura hu gustifikat li jipprezumi li n-nies ser jaqsmu t-triq minn hemm biss. Wiehed irid jiftakar ukoll li mid-deposizzjoni ta' Anthony Zammit (seduta tat-3 ta' Dicembru 2013), irrizulta li l-attrici ntlaqtet mill-vettura meta kienet kwazi diga' qasmet Triq San Pawl. Xufier li kien qieghed izomm *proper lookout* waqt li jirriversja kellu jara lill-attrici taqsam it-triq. Mill-verzjoni li tat hu evidenti li l-konvenuta ma ratx lill-attrici fit-triq, u kien biss wara l-incident li ratha fit-triq. Hu wkoll evidenti li dan ma kienx kaz fejn il-konvenuta waqfet il-karozza ma' gemb spazju vojt. Jirrizulta bic-car li l-

vettura tal-attrici kienet qabzet salib it-toroq bejn Triq San Pawl u Triq il-Parrocca. Mill-iskizz jidher li riedet terga' taqsam salib it-toroq biex tipparkja iktar 'l isfel fi Triq San Pawl. Fuq bazi ta' probabilita' il-vettura kienet irriversjajt iktar minn ftit passi[2]. F'dan ir-rigward hi wkoll iktar kredibbli l-verzjoni ta' Anthony Zammit (seduta 3 ta' Dicembru 2013).

**<u>Likwidazzjoni tad-danni</u>**.

L-attrici pprezentat prospett tad-damnum emergens li tippretendi (fol. 127) fl-ammont ta' **€6,866.54**. Il-qorti rat l-ircevuti tal-ispejjez li l-attrici pprezentat (fol. 132-158). L-attrici ma spjegatx x'ghandha x'taqsam ricevuta ta' dentist ghas-somma ta' €138 (fol. 138) mal-griehi li sofriet fl-incident. Mid-deposizzjoni ta' bintha Maryanne Muscat jidher ukoll li hemm ricevuti ta' spejjez li saru li m'ghandhomx x'jaqsmu mal-griehi li sofriet l-attrici (seduta tat-3 ta' Dicembru 2013). Fic-cirkostanzi l-qorti *arbitrio boni viri* ser tnaqqas is-somma ta' hames mitt ewro (€500) mill-ammont li tippretendi l-attrici. Ghalhekk dawn id-danni huma fis-somma ta' **€6,366.54**.

L-attrici twieldet fis-sena 1936. Ghalhekk meta sehh l-incident kellha 72 sena. L-introjtu taghha hu mill-pensjoni li tircievi minghand id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali (fol. 165-168):-

2008 - €7,083.76.

2009 - €7,295.92.

2010 - €7,598.56.

2011 - €7,633.74.

**Total - €29,612**

Tircievi wkoll is-somma ta' **€924.16** kull sena minn pensjoni tat-Tezor (fol. 169-172).

Skond il-perit mediku b'rizultat tal-griehi li garrbet qeghda ssofri minn debilita permanenti ta' 4% (ara rapport mediku a fol. 113). Hu minnu li fid-data tal-incident l-attrici kienet diga' pensjonanta u l-griehi li sofriet ma kellhom l-ebda effett fuq il-pensjoni li tircievi. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li m'ghandhiex jedd li tigi kkumpensata. Mill-provi li tressqu hu evidenti kif l-attrici ma baqghetx attiva kif kienet u wkoll saret tiddependi fuq haddiehor (ara deposizzjoni ta' binha Trevor Muscat, fol. 72 u l-affidavit tal-attrici, fol. 122). Mid-data tal-

[2] Ara skizz u ritratt AZ1 fol. 79.

incident diga' ghaddew tmien snin. Il-qorti qeghda *arbitrio boni viri* tillikwida s-somma ta' **hames elef u hames mitt ewro (€5,500)**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tiddikjara li l-ewwel eccezzjoni kienet giet ezawrita wara li ssejjah fil-kawza r-ragel tal-kovenuta, tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet u tilqa' t-talbiet tal-attrici u:**

1. **Tillikwida d-danni fis-somma ta' hdax-il elf tmien mija u sitta u sittin ewro u erbgha u hamsin centzmu (€11,866.54).**
2. **Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici s-somma ta' hdax-il elf tmien mija u sitta u sittin ewro u erbgha u hamsin centzmu (€11,866.54)[3].**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti**.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[3] Il-dejn hu tal-komunjoni tal-akkwisti (Artikolu 1327(f) tal-Kodici Civili).